# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Marzu 2018**

**Numru 3**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 47/2016/1 JZM**

**Dominic Camilleri**

***v.***

**Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali fit-28 ta' Frar 2017 li sabet li meta l-attur ma tħalliex ikollu għajnuna ta' avukat qabel l-interrogazzjonijiet tiegħu mill-pulizija fit-13 ta' Frar 2004 u fl-24 ta' Frar 2004 inkisirlu d-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzz-joni") u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (il-"Konvenzjoni"). Bħala rimedju għal dan il-ksur, l-ewwel qorti: (i) ordnat it-tħassir tas-sentenza

mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-17 ta' Frar 2014 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) *v.* Dominic Camilleri; (ii) ordnat illi ż-żewġ stqarrijiet mogħtija mill-attur ma jistgħux jintużaw bħala prova fi proċeduri kriminali kontra tiegħu u għalhekk ordnat t-tneħħija tagħhom mill-atti tal-proċess kriminali pendenti kontra tiegħu; (iii) ordnat li tieqaf il-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) *v*. Dominic Camilleri li tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali; (iv) ordnat illi l-atti tal-istess kawża jintbagħtu lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex, wara li dan iqiegħed fl-atti kopja tas-sentenza appellata, jassenja l-kawża lil ġudikant ieħor fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-proċess penali kontra l-attur jibda mill-ġdid; u (v) ordnat lill-Avukat Ġenerali sabiex iħallas lill-attur kumpens fl-ammont ta' elf euro (€1,000) bħala parti mir-rimedju tiegħu għall-imsemmi ksur.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn:

3. Fit-13 ta' Frar 2004 l-attur ġie arrestat mill-pulizija fuq suspett ta' involviment f'reati assoċjati ma' pusess u bejgħ ta' droga. Fl-istess ġurnata, wara li ngħata t-twissija li kienet trid il-liġi ta' dak iż-żmien – li ma kienx obbligat li jwieġeb għall-mistoqsijiet magħmulin lilu mill-pulizija iżda jekk iwieġeb it-weġibiet tiegħu setgħu jinġiebu b'xiehda – u ġie interrogat mill-pulizija, hu għamel stqarrija.

4. Ħdax-il ġurnata wara li kien ġie arrestat *i.e.* fl-24 ta' Frar 2004, l-attur mar minjeddu fil-kwartieri ġenerali tal-pulizija fejn staqsa għall-ispettur

u għamel it-tieni stqarrija tiegħu. F'din l-istqarrija hu kkonferma dak li kien qal fl-ewwel stqarrija u kixef aktar informazzjoni, ukoll billi semma persuni li lilhom kien ibigħ id-drogi. L-attur imbagħad ikkonferma t-tieni stqarrija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja.

5. Peress li l-liġi ta' dak iż-żmien ma kinitx taħseb għad-dritt tal-assistenza legali qabel jew waqt l-interrogazzjoni, l-attur ma ngħatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel ma ta ż-żewġ stqarrijiet tiegħu lill-pulizija.

6. Wara li tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, il-qorti fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Frar 2014 sabitu ħati tad-delitt ta' traffikar ta' droga u kkundannatu għal piena ta' tmintax-il xahar priġunerija effettiva u multa ta' disa' mija u ħamsin euro (€950).

7. L-attur appella minn din is-sentenza u dan l-appell għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

8. L-attur imbagħad fetaħ il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

> »(a) tiddikjara li l-istqarrijiet li ttieħdu mill-pulizija tar-rikorrent fit-tlettax (13) u l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar 2004 u sussegwentement esebiti fil-proċeduri kriminali kontrih ittieħdu u ġew esebiti bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif imħarsa fl-artikoli 5(1), 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
>
> »(b) tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Frar 2014 hija illegali u nulla *stante* li hija bbażata unikament fuq stqarrijiet meħuda bi ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent hekk kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostit-uzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;
>
> »(ċ) tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet tal-esponent hekk kif sanċiti fl-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 5, 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

billi takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi inkluż li tordna t-tħassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Frar, 2014 u li tqiegħed lir-rikorrent fil-posizzjoni tiegħu qabel ma ttieħdu l-istqarrijiet bi ksur tad-drittijiet tiegħu, u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

»(d) tillikwida kumpens xieraq u adegwat għad-danni, inkluż dak morali, li sofra l-esponent;

»(e) tordna lill-intimat jħallas lir-rikorrent il-kumpens hekk likwidat.«

9. Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. illi in kwantu r-rikors promotur huwa mibni fuq allegata ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, l-azzjoni odjerna hija waħda prematura. Dan qiegħed jingħad *stante* li hemm pendenti appell intavolat mir-rikorrent u għalhekk s'issa għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-parti li provokat ir-referenza[1] sejra tiġi żvantaġġjata waqt is-smigħ tal-proċedura kriminali. Illi f'dan l-istadju tal-proċeduri mhuwiex indikativ li proċeduri kriminali jiġu diskussi u trattati in *vacuo*;

»Illi ġie stabbilit b'mod kostanti fil-ġurisprudenza kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea li biex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu. Bħala regola, sabiex jkun jista' jiġi apprezzat jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru iżda irid iħares u jeżamina jekk fl-assjem tagħhom il-proċeduri jkunux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sustanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia *v.* Onor. Prim Ministru *et* deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996);

»Illi sabiex jiġu applikati l-elementi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġieba tal-qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti (ara Fenech *v.* Avukat Ġenerali deċiża fl-4 ta' Awissu 1999 – Vol. LXXXIII.i.213). Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (Pullicino *v.* Onor. Prim Ministru *et* deċiża fit-18 ta' Awissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158);

»Illi r-rikorrenti ma jistax jasal għall-konklużjoni li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod kif itteħditlu l-istqarrija. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom pendenti, allura r-rikorrenti sakemm is-sentenza tiegħu tkun waħda finali jgawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza. Illi f'dan l-istadju li fihom waslu l-proċeduri kriminali, ir-rikorrenti għandu l-possibilità li juri kif fil-fehma tiegħu l-Ewwel Qorti kienet żbaljata u r-raġuni għala għandha tiġi mħassra s-sentenza tal-Ewwel Qorti;

[1] Il-kawża nbdiet b'rikors mhux b'referenza.

»Illi t-teħid tal-istqarrija bl-ebda mod ma jikkompromettil-jeddijiet u l-garanziji proċesswali u difensjonali tar-rikorrenti. Il-Qorti tal-Appell għandha l-kompitu li tara u tevalwa kull argument u sottomissjoni li jressaq quddiemha r-rikorrenti;

»Għalhekk il-fatt waħdu li r-rikorrenti rrilaxxa stqarrija ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' dritt ta' smigħ xieraq għaliex dawn waħidhom mhumiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur. Jiġi b'hekk li l-ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq jista' jiġi eżaminat biss ladarba l-proċess kriminali jiġi konkluż;

»2. illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jissottometti li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli għall-kwistjoni li ġiet referita quddiem dina l-Onorabbli Qorti. Dan għaliex dan l-artikolu jgħodd biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti (ara s-sentenza għar-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet *Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco* deċiża fil-15 ta' Novembru 2011. F'dan il-każ, l-ilment jinsab dirett fil-konfront ta' perijodu fejn kienet għaddejja l-fażi tal-interrogazzjoni min-naħa tal-Pulizija. Għalhekk ladarba ċ-ċirkostanzi kkontestati jmorru lura għal ġrajjet li seħħew qabel ma kienu laħqu nbdew xi proċedimenti, allura dan ifisser li l-ilment ma jistax jaqa' fl-ambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk safejn ir-rikors promotur huwa mibni fuq dan l-artikolu, dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni għandu jiġi dikjarat li ma japplikax għal din il-vertenza;

»3. Illi dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jisso-ttometti li bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali iżda jeżisti biss dritt fundamentali li persuna akkużata b'reat kriminali jkollha proċeduri li jinżammu bil-garanziji ta' smigħ xieraq. Illi l-fatt fih innifsu li persuna ma tkunx tħalliet tikseb parir legali qabel l-interrogatorju tagħha allura awtomatikament ġie leż id-dritt għal smigħ xieraq [*sic*]. Illi sabiex in-nuqqas ta' assistenza legali tkun tista' potenzjalment twassal għal ksur tad-dritt għal smigħ xieraq irid jiġi muri b'mod sodisfaċenti li minħabba dak in-nuqqas inħoloq perikolu illi persuna tinsab ħatja meta ma għandux ikun hekk;

»Illi dak li jiggarantixxu l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa dritt għal smigħ xieraq u mhux dritt għall-għajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittieħed l-istqarrija. Illi marbut ma' dan, id-dritt għal smigħ xieraq irid jiġi meqjus fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' xi mument speċifiku;

»Illi wieħed ma jridx jinjora wkoll il-fatt illi r-rikorrent bl-ebda mod ma kien imġiegħel jagħti l-istqarrija li ta. Huwa ngħata t-twissija skont il-liġi, senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq iżda li dak li kien ser jingħad seta' jinġieb bħala prova kontra tiegħu. Illi r-rikorrent kien qed jifhem l-import taċ-ċirkostanza li kien jinsab fiha. Dan iktar u aktar meta wieħed iqis li r-rikorrent inqabad *in flagrante*. Illi fil-kawża kriminali ttellgħu xhieda apparti l-istqarrija;

»4. L-esponenti jissottometti li ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern huma ferm differenti minn dawk li jiffurmaw il-fattispeċie tal-każ Borg *v.* Malta maqtugħa mill-Qorti Ewropeja u dan peress li f'dak il-każ il-kawża kriminali tal-applikant kienet għaddiet in ġudikat. Il-pronunzjament tal-Qorti Ewropea li japplika għall-każijiet bħal dak tal-parti li pprovokat ir-

referenza huwa dak ta' Dimech *v.* Malta (applikazzjoni 34373/13 tat-2 ta' April 2015) fejn il-proċeduri kriminali kienu pendenti meta l-każ ittieħed quddiem il-Qorti Ewropea;

»5. illi għal dak li jirrigwarda l-ilment ta' allegat ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponenti jissottometti li preżentement ir-rikorrent mhuwiex privat mill-libertà tiegħu. Illi r-rikorrenti appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u b'tali appell ġiet sospiża l-esekuzzjoni tas-sentenza kriminali;

»Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jissottometti li f'każ li persuna tinstab ħatja b'sentenza ta' qorti li tkun għaddiet in ġudikat, tali detenzjoni tkun waħda leġittima skont dak li jipprovdu l-artikolu 5(1)(*a*) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 34(1)(*b*) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

»Illi detenzjoni wara sentenza kriminali tista' titqies li tkun bi ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni jekk jintwera li jkun hemm "*a flagrant denial of justice*" jiddependi miċ-ċirkostanzi tal-każ u jrid jiġi meqjus fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' xi mument speċifiku;

»6. illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottometti li dan is-subinċiż jipprovdi li persuna privata mill-libertà tagħha għandu jkollha a disposizzjoni tagħha l-possibilità li jistitwixxi proċeduri sabiex tiġi mistħarrġa l-legalità ta' tali arrest. Illi l-esponenti jirrileva li hemm a disposizzjoni tar-rikorrenti kemm il-proċedura maħsuba fl-artikolu 412B tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) li jipprospetta wkoll il-possibilità li tiġi attakkata l-validità tal-kontinwità tal-arrest kif ukoll il-proċedura kostituzzjonali li taħseb għall-possibilità ta' stħarriġ tal-legalità tal-arrest. Illi għalhekk ir-rikorrenti ma jistax jilmenta li ma għandux mekkaniżmu sabiex jikkontesta l-legalità tal-arrest tiegħu;

»7. illi lanqas ma hija siewja l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huwa m'għandux rimedju taħt il-liġi domestika bi ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;

»L-artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma jesiġix xi proċedura partikolari dwar kif għandu jingħata r-rimedju. L-importanti huwa li jingħata rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali. Fil-fehma tal-esponenti din l-onorabbli qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha hija awtorità nazzjonali li tista' tagħti rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk jinstab li seħħew infrazzjonijiet konvenzjonali. Tassew hija għandha s-saħħa li tagħti kumpens morali lir-rikorrenti jekk huwa jingħata raġun fl-ilmenti tiegħu;

»Fi kliem ieħor, l-artikolu 13 ma jitlobx li r-rimedju għandu jkun fil-qafas tal-proċeduri ordinarji kif donnu qed jippretendi r-rikorrenti. Bil-kontra l-importanti huwa li jkollok rimedju quddiem awtorità nazzjonali, dan irrispettivament jekk bil-mezz ta' talba quddiem il-qrati ordinarji jew bil-mezz ta' kawża kostituzzjonali/konvenzjonali;

»Hekk pereżempju ilment taħt l-artikolu 13 kien ġie mwarrab mill-Qorti Ewropea għat-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza Nazzareno Zarb *v.* Malta deċiża fl-4 ta' Lulju 2006, għaliex, għan-nuqqas fil-liġi ordinarja li tipprovdi għal rimedju fil-każ ta' dewmien inġustifikat fil-proċeduri, kien jagħmel tajjeb ir-rimedju taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta quddiem il-qrati b'setgħat kostituzzjonali;

»Propriju dawn il-proċeduri kostituzzjonali għandhom il-potenzjal li jagħtu dak li qiegħed ifittex r-rikorrenti u *cioè* rimedju. Illi bl-intavolar ta' dawn il-proċeduri konvenzjonali r-rikorrenti stess qiegħed jirrikonoxxi li s-sistema Maltija tipprovdi għal rimedju domestiku li huwa effettiv. Li kieku ma kienx hekk ir-rikorrenti ma kienx ser joqgħod jeħli l-ħin u l-flus tiegħu biex jiftaħ dawn il-proċeduri;

»Għalhekk safejn ir-rikorrenti qiegħed jilmenta minn ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dan huwa manifestament infondat jekk mhux ukoll fieragħ għaliex dawn il-proċeduri u din l-onorabbli qorti bħala awtorità nazzjonali għandhom is-setgħa li jagħtu rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk kemm-il darba jirnexxilu juri li tassew ġew imkasbra lilu xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħares taħt il-Konvenzjoni Ewropea.

10. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»Tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tiddikjara illi l-istqarrijiet tar-rikorrent illi ttieħdu mill-pulizija fit-13 ta' Frar 2004 u fl-24 ta' Frar 2004, u sussegwentement esebiti fil-proċeduri kriminali istitwiti kontra tiegħu, ittieħdu u ġew esebiti bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, kif imħarsa bl-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-art. 6(1) u 6(3)(*ċ*) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

»Tilqa' t-tieni talba kif dedotta;

»Tilqa' t-tielet talba billi:-

»(a) tordna t-tħassir tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-17 ta' Frar 2014 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) *v.* Dominic Camilleri;

»(b) tordna illi ż-żewġ stqarrijiet mogħtija mir-rikorrent lill-pulizija fit-13 ta' Frar 2004 u fl-24 ta' Frar 2004 ma jistgħux jintużaw bħala prova kontra r-rikorrent fi proċediment kriminali kontra tiegħu; għalhekk tordna t-tneħħija tagħhom mill-atti tal-proċediment kriminali pendenti kontra r-rikorrent;

»(c) tordna li tieqaf il-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) *v.* Dominic Camilleri li tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

»(d) tordna illi l-atti tal-proċediment kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) *v.* Dominic Camilleri jintbagħtu lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex, wara li dan iqiegħed fl-atti kopja tas-sentenza tal-lum, jassenja l-kawża lil ġudikant ieħor sedenti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-proċediment penali kontra r-rikorrent jibda mill-ġdid.

»Tilqa' r-raba' talba billi tillikwida favur ir-rikorrent kumpens fl-ammont ta' elf euro (€1,000).

»Tilqa' l-ħames talba billi tordna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent il-kumpens hekk likwidat.

»Tordna li l-ispejjeż ta' dan il-proċediment jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.«

11. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »<u>L-ewwel talba</u>
>
> »Fl-ewwel talba r-rikorrent talab li jkun dikjarat illi l-istqarrijiet tiegħu tat-13 ta' Frar 2004 u fl-24 ta' Frar 2004 lill-pulizija ttieħdu bi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu hekk kif imħarsa fl-art. 5(1), art 6(1) u art. 6(3) tal-Konvenzjoni u l-art. 34 u art 39 tal-Kostituzzjoni.
>
> »<u>L-art. 39 tal-Kostituzzjoni</u>
>
> »… … … l-art. 39 jittratta sitwazzjoni meta persuna tkun akkużata b'reat u mhux qabel.
>
> »Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent jallega illi l-ksur għall-jedd tiegħu ta' smigħ seħħ waqt li kien qed jiġi interrogat mill-pulizija, u qabel tressaq akkużat quddiem il-qorti.
>
> »L-Avukat Ġenerali jġib l-argument illi ladarba l-istqarrija saret qabel ir-rikorrent tressaq b'akkużi quddiem il-qorti, ma jistax ikun hemm vjolazzjoni tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni.
>
> »Saret riferenza għad-deċiżjonijiet fil-każi ta' <u>Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Martin Dimech</u> u <u>Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Migneco</u>.
>
> »Madanakollu, in linea ma' dak li ngħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fil-kawża <u>Malcolm Said *v.* Avukat Ġenerali *et*</u>, ma jfissirx li dak li jkun sar qabel ma r-rikorrenti ikun ġie akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat. Għalhekk jekk it-teħid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent, il-vjolazzjoni ma sseħħx daqstant bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija meta l-attur kien għadu qed jiġi investigat, iżda bil-fatt li fil-kors tal-proċediment fejn ikun ġie akkużat isir użu mill-istqarrija kontra l-akkużat.
>
> »Għalhekk din il-qorti tgħid illi huwa infondat l-argument tal-Avukat Ġenerali illi l-art. 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli għall-każ taħt eżami, anke tenut kont ukoll tal-fatt illi fil-każ tal-lum il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali qagħdet fuq l-istqarrijiet tar-rikorrent fl-għoti tas-sentenza tagħha.
>
> »<u>L-art. 6 tal-Konvenzjoni</u>
>
> »L-art. 6 jirrikjedi illi jkun hemm dritt għall-assistenza ta' avukat bħala parti integrali mill-jedd għal smigħ xieraq. Fil-fatt ir-restrizzjonijiet li hemm fid-disposizzjoni huma l-eċċezzjoni mhux ir-regola.
>
> »Il-qorti ħadet konjizzjoni tad-deċiżjoni tal-ECHR ta' <u>Borg *v.* Malta</u> fejn kien dikjarat li d-dritt tal-applikant kien irrimedjabbilment ippreġudikat meta hu rrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet intużaw kontra tiegħu.
>
> »Fil-każ tal-lum, jirriżulta illi fil-kors tal-kawża istitwita kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Ġudikatura Kriminali illi r-rikorrent ma kienx ingħata l-opportunità li jkellem avukat qabel ma għamel iż-żewġ stqarrijiet, għaliex fiż-żmien tal-każ il-liġi domestika tagħna ma kenitx tagħti dak id-dritt. Wara li għamel l-ewwel stqarrija, ir-rikorrent kien rilaxxjat mill-pulizija. Dwar it-tieni stqarrija, ingħad illi

din ingħatat mir-rikorrent minn jeddu meta mar huwa stess biex jirrilaxxja t-tieni stqarrija.

»Minn esami tas-sentenza li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, jirriżulta li dik il-qorti qieset bħala ammissibbli ż-żewġ stqarrijiet u għamlet użu minnhom fis-sejbien tal-ħtija tar-rikorrent.

»L-Avukat Ġenerali jġib l-argument illi l-proċediment tal-lum huwa intempestiv għaliex kienx hemm leżjoni jista' jiġi determinat biss mit-totalità tal-provi. Huwa biss wara l-ġbir tal-provi kollha li jista' jiġi determinat kienx hemm leżjoni inkella le.

»L-Avukat Ġenerali jsostni l-argument billi jirreferi għas-sentenzi: QK – 13 ta' Marzu 2006, Busietta *v.* Avukat Ġenerali; QK – 26 ta' April 2013 – Il-Pulizija *v.* Dr Melvyn Mifsud; ECHR – 2 ta' April 2015, Dimech *v.* Malta; QK – 31 ta' Mejju 2013, Aquilina *v.* Onor. Prim Ministru *et*.

»B'sostenn tal-ġurisprudenza fuq ċitata, partikolarment is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ta' Malcolm Said, din il-qorti ma taqbilx li hija marbuta illi tagħti deċiżjoni biss fi tmiem il-proċeduri jekk tali proċeduri jistgħu jiġu ppreġudikati b'leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent jinsab fis-sitwazzjoni fejn hemm deċiżjoni mogħtija kontra tiegħu fl-ewwel istanza, u l-appell tiegħu huwa wieqaf jistenna l-esitu tal-proċediment tal-lum.

»Din il-qorti tgħid illi għandha ssegwi dak li kien deċiż fis-sentenza tal-ECHR fil-kawża Borg *v.* Malta.

»Fil-każ ta' Dimech *v.* Malta kien ritenut li l-proċess fl-intier tiegħu kellu jitqies sabiex jiġi deċiż jekk kienx hemm smigħ xieraq inkella le, u li per konsegwenza fejn il-proċess kriminali jkun għadu mhux konkluż il-qorti trid tistenna li jintemm dak il-proċess biex imbagħad tqis kollox fl-intier ħalli tevalwa jekk kienx hemm smigħ xieraq. Madanakollu, fil-każ ta' Dimech *v.* Malta il-ġuri ma kienx għad beda fis-sens li kollox kien jinsab differit sakemm tiġi deċiża l-kwistjoni tal-istqarrijiet.

»Fil-każ tal-lum diġà hemm sentenza fl-ewwel istanza fejn ir-rikorrent instab ħati u kkundannat. Fl-istadju tat-tieni istanza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, fejn il-provi jkunu traskritti, kif kien il-każ tar-rikorrent, ma jerġax isir smigħ ta' dawk il-provi mill-ġdid jew smigħ ta' provi ġodda. Għalhekk is-sitwazzjoni tar-rikorrent hija kemmxejn diversa minn dik li kienet fil-każ ta' Dimech *v.* Malta.

»Il-Qorti Kostituzzjonali għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktar sejra tiġi miksura". Dan huwa in linea ma' dak li kien deċiż fil-każ ta' Malcolm Said. Għalhekk, meta jsir użu minn stqarrija li tkun ittieħdet mingħajr ma min jagħmilha jkollu l-għajnuna ta' avukat, dan ikun jikkostitwixxi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, u għalhekk "x'aktarx" illi d-dritt għal smigħ xieraq jinkiser jekk jitħalla li jsir użu mill-istqarrija. Iktar u iktar għandu japplika dan il-prinċipju fejn diġà ngħatat deċiżjoni kontra r-rikorrent bl-użu ta' dawk l-istqarrijiet.

»Il-qorti sejra taddotta l-prinċipju addottat fil-każ Borg *v.* Malta fejn ingħad kjarament illi kull stqarrija li ssir mingħajr assistenza legali, salv għal każi eċċezzjonali, jkun hemm leżjoni tal-art. 6.

»Huwa evidenti illi kif l-istqarrijiet tar-rikorrent kienu meqjusa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Ġudikatura Kriminali, daqstant ieħor sejrin

ikomplu jikkostitwixxu prova quddiem il-qorti ta' reviżjoni u *cioè* l-Qorti tal-Appell Kriminali, dment illi ma tipprovdix xort'oħra din il-qorti.

»L-Avukat Ġenerali għamel referenza għas-sentenza fil-kawża Stephen Nana Owusu *v.* L-Avukat Ġeneral li kienet mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Mejju 2016.

»Isostni illi f'dak il-każ, kien ingħad illi jista' jkun hemm *compelling reasons* għala f'każ partikolari persuna tista' tiġi interrogata qabel ma tkun tħalliet tieħu l-parir tal-avukat tagħha.

»Din il-qorti ma taqbilx li fil-każ tal-lum tressqu xi provi li juru li kien hemm xi raġunijiet impellenti sabiex dan id-dritt jiġi ristrett.

»Fil-każ ċitat mill-Avukat Ġenerali, Stephen Nana Owusu kien inqabad fl-ajruport b'74 kapsola ta' eroina inġerita minnu; għalhekk id-deċiżjoni tal-pulizija li tinterrogaħ qabel ma jitħalla jikkomunika ma' ħaddieħor sabiex possibbilment jinqabad il-kompliċi kienet raġuni leġittima għal restrizzjoni ta' dan id-dritt.

»Fil-każ odjern, ma nstabet l-ebda droga fuq il-persuna tar-rikorrent. Kien preżenti fis-sit fejn saret l-ispezzjoni mill-pulizija u nstabet xi droga.

»Għal din il-qorti, iċ-ċirkostanzi kif seħħew fil-każ tal-lum ma jam-montawx għal *compelling reasons* li jiddettaw restrizzjoni tal-jedd għall-assistenza ta' avukat.

»L-intimat jirreferi wkoll għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Mejju 2016 fil-kawża Elvin Grech *v.* Avukat Ġenerali.

»Din il-qorti rat id-deċiżjoni u l-fatti ta' dak il-każ.

»Issib li hemm irriżulta li r-rikorrent kien kellem mhux avukat wieħed iżda tnejn qabel ma għamel l-ewwel stqarrija u bejn stqarrija u oħra.

»Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent ma kellem lil ebda avukat meta ta l-ewwel stqarrija tiegħu.

»Lanqas ma tressqu provi li kellem avukat qabel irrilaxxja t-tieni stqarrija.

»Huwa minnu li t-tieni stqarrija jidher li ngħatat wara li r-rikorrent stess reġa' mar għand il-Pulizija, iżda jibqa' l-fatt li fl-ebda ħin ma ngħata l-fakoltà li jieħu parir tal-avukat qabel igħid dak li kellu jgħid lill-pulizija.

»Għal din il-qorti kienet ippruvata leżjoni tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif imħares bl-art. 39 tal-Kostituzzjoni, u l-art. 6(1)(3)(*ċ*) tal-Konvenzjoni.

»L-art. 34 tal-Kostituzzjoni u l-art. 5 tal-Konvenzjoni

»Dawn id-disposizzjonijiet jittrattaw il-ħarsien li għandu jedd għalih persuna minn detenzjoni jew arrest arbitrarju.

»L-arrest jew detenzjoni hija permessa biss kif determinat fiż-żewġ disposizzjonijiet.

»Fil-każ tal-lum id-dikjarazzjoni ta' leżjoni skont dawn iż-żewġ dis-posizzjonijiet mhijiex qiegħda issir abbażi tas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Frar 2014 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Ġudikatura Kriminali.

»Kuntrarjament għal dak li qed jingħad fin-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrent, it-talba għal dikjarazzjoni ta' ksur skont iż-żewġ disposizzjonijiet saret fir-rigward tal-istqarrijiet li ttieħdu mill-pulizija.

»Għalhekk tenut kont ta' kif kienet ifformulata l-ewwel talba, ma hemmx leżjoni taż-żewġ disposizzjonijiet.

»In parentesi tajjeb jingħad ukoll illi l-proċediment kriminali kontra r-rikorrent huwa pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Huwa kiseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-ewwel qorti. Fil-fatt mhuwiex jinżamm arrestat.

»Għalhekk il-Qorti sejra tiċħad l-ewwel talba safejn din tirrigwarda allegata leżjoni tal-Art 34 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 5 tal-Konvenzjoni.

»<u>It-tieni talba</u>

»It-tieni talba hija għal dikjarazzjoni li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Frar 2014 hija llegali u nulla *stante* li bbażata unikament fuq stqarrijiet li ttieħdu bi ksur tal-jedd fondamentali tar-rikorrent kif tutelat bl-art. 39 tal-Kostituzzjoni u bl-art. 6 tal-Konvenzjoni.

»Riferibbilment għal-leżjoni li sabet tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 6 tal-Konvenzjoni skont l-ewwel talba, il-qorti trid tevalwa jekk il-leżjoni testendix ukoll għall-proċediment li kien deċiż fl-ewwel istanza bis-sentenza tas-17 ta' Frar 2014 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

»Il-qorti rat il-provi u s-sentenza fil-każ kriminali in kwistjoni.

»Jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Ġudikatura Kriminali qagħdet għal kollox fuq l-istqarrijiet tar-rikorrent sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha.

»Fis-sentenza tagħha l-Qorti għamlitha ċara illi "ma nġabet l-ebda prova oħra da parti tal-prosekuzzjoni apparti l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat".

»Il-qorti kompliet tagħmel referenza għall-kontenut tal-istqarrijiet u kkonkludiet li dawn l-istqarrijiet għandhom jittieħdu bħala ammissjoni da parti tal-imputat fir-rigward ta' tliet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

»Jidher li għalhekk is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Ġudikatura Kriminali qagħdet għal kollox fuq dawk l-istqarrijiet sabiex issib lir-rikorrent ħati tal-akkużi dedotti kontra tiegħu.

»Din il-qorti sejra tordna t-tneħħija ta' dawk iż-żewġ stqarrijiet billi ma jikkostitwux prova ammissibbli għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

»Ladarba s-sentenza li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Ġudikatura Kriminali kienet fondata għal kollox fuq is-sejbien ta' ħtija tar-rikorrent u relativa kundanna tiegħu fuq iż-żewġ stqarrijiet tar-rikorrent li, fil-fehma tal-qorti, ittieħdu bi ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 6 tal-Konvenzjoni, allura l-istess sentenza għandha tkun dikjarata nulla anke jekk il-każ kontra r-rikorrent għadu pendenti fl-appell.

»<u>It-tielet talba</u>

»Il-qorti tirreferi għad-deċiżjoni tal-ECHR tal-11 ta' Diċembru 2008 fil-każ ta' <u>Panovits *v.* Cyprus</u> fejn ingħad:-

»"It reiterates that when an applicant has been convicted despite an infringement of his rights as guaranteed by Article 6 of the Convention, he should, as far as possible, be put in the position that he would have been in, had the requirements of that provision not been disregarded, and that the most appropriate form of redress would, in principle, be trial de novo or the reopening of the proceedings.

»Fil-każ tal-lum, il-qorti sejra tagħti dawn l-ordnijiet:-

»i) it-tħassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Frar 2014;

»ii) iż-żewġ stqarrijiet mogħtija mir-rikorrent ma jistgħux jintużaw bħala prova kontra r-rikorrent, u għalhekk tordna t-tneħħija tagħhom mill-atti tal-proċediment kriminali kontra r-rikorrent;

»iii) it-twaqqif tal-proċediment kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

»iv) tibgħat li l-atti tal-proċediment kontra r-rikorrent lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex, wara li jqiegħed fl-atti kopja tas-sentenza tal-lum, jassenja l-kawża lil ġudikant ieħor sedenti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-proċess penali kontra r-rikorrent jibda mill-ġdid.

»<u>Ir-raba' u l-ħames talbiet</u>

»Għalkemm il-qorti tat rimedji oħra, jidhrilha li r-rikorrent għandu jingħata kumpens għall-vjolazzjoni riskontrata fl-ammont ta' elf Ewro (€1,000).«

12. L-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza b'rikors tad-9 ta' Marzu 2017. Billi ma sar l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti sabet li ma kien hemm l-ebda ksur tal-art. 34 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 5 tal-Konvenzjoni, dik il-parti tas-sentenza appellata issa hija *res judicata*.

13. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-Avukat Ġenerali jgħid illi l-ewwel qorti kienet żbaljata meta sabet li l-art. 39 tal-Kostituzzjoni huwa applikabbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum. Ifisser dan l-ewwel aggravju tiegħu hekk:

»... l-ewwel qorti għamlet riferenza għas-sentenza fl-ismijiet <u>Malcolm Said *v.* Avukat Ġenerali *et*</u> u osservat illi:

»"ma jfissirx li dak li jkun sar qabel ma r-rikorrenti ikun ġie akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat. Għalhekk jekk it-teħid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent il-vjolazzjoni ma sseħħx daqstant bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija meta l-attur kien għadu qed jiġi investigat,

> iżda bil-fatt li fil-kors tal-proċediment fejn ikun ġie akkużat isir użu mill-istqarrija kontra l-akkużat. Għalhekk din il-qorti tgħid illi huwa infondat l-argument tal-Avukat Ġenerali illi l-art. 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli għall-każ taħt eżami, anke tenut kont ukoll tal-fatt illi fil-każ tal-lum il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali qagħdet fuq l-istqarrijiet tar-rikorrent fl-għoti tas-sentenza tagħha».

»L-appellant ma jaqbilx ma dina l-konklużjoni tal-ewwel qorti u dan *stante* li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli għall-każ odjern u dan peress li dan l-artikolu japplika biss meta persuna tkun akkużata b'reat u mhux qabel. Mill-att promotur jidher li l-appellat qed jattakka t-teħid tal-istqarrija u *cioè* l-kawża odjerna tirreferi għall-istadju qabel ma l-appellat tpoġġa taħt akkuża u riferibbilment għall-istadju tal-interrogatorju u għalhekk l-azzjoni odjerna ma tinkwadrax ruħha f'dak li jaħseb għalih l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»L-appellant jagħmel riferenza għar-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Martin Dimech deċiża fl-10 ta' Jannar 2012 fejn ġie stabbilit dan il-punt liema punt ġie kkonfermat minn dina l-onorabbli qorti fis-sentenza tagħha tas-26 ta' April 2013 u fejn il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede kostituzzjonali tagħha kienet għamlet referenza għar-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Migneco deċiża fil-15 ta' Novembru 2011 fejn ġie osservat illi:

> »"l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qiegħda tinstema' minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-disposizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja; Illi minħabba li ċ-ċirkostanzi li dwarhom l-akkużat ressaq it-talba tiegħu għar-referenza jirrigwardjaw ġrajja li seħħew qabel ma kien inbeda xi proċediment kontra l-akkużat, l-ilment tiegħu jaqa' lil hinn mill-ambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Illi għalhekk, din il-qorti ma ssibx li ntwera tajjeb biżżejjed li l-akkużat seħħlu juri li ġarrab ksur taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni".

»Illi dan kien ukoll dak li ddeċidiet reċentement dina l-onorabbli qorti fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Frar 2017 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Graziella Muscat) *v.* Philip Borg (referenza kostituzzjonali numru 21/2016) osservat illi:

> «9. Din il-qorti ser tibda billi tgħid li peress li l-allegat ksur seħħ waqt l-interrogazzjoni u qabel ma ġie akkużat Philip Borg, hi taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ... mhux applikabbli għall-każ peress li dan l-artikolu jgħodd biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti u tiġi allegata vjolazzjoni ta' dritt fondamentali. Ir-risposta għar-referenza għandha għalhekk tkun li dan l-artikolu ma japplikax fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern."«

14. L-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni jgħid hekk:

> »**39.** (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti s-smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.«

15. Huwa minnu illi dan l-artikolu jolqot ċirkostanzi fejn ikun inbeda proċess kriminali quddiem qorti u jagħti drittijiet lil min ikun "akkużat" f'dawk il-proċeduri. Huwa minnu wkoll iżda illi fil-każ tallum inbeda u għadu għaddej proċess kriminali kontra l-attur u l-istqarrijiet li għamel, għalkemm saru qabel ma kien formalment mixli, madankollu sar użu minnhom waqt il-proċeduri kriminali u għalhekk setgħu jolqtu – u fil-fatt laqtu – dak li sar waqt dawk il-proċeduri u potenzjalment għalhekk jistgħu jwasslu għal sitwazzjoni li tkun ta' relevanza għall-għanijiet tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni. Ma huwiex minnu illi dak li jkun sar qabel ma l-attur ikun akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat, b'mod li, minħabba dak li jkun sar qabel, ma jkunx jista' jingħata smigħ xieraq. Dan ifisser illi l-ksur – jekk it-teħid tal-istqarrija jkunx sar bi ksur tad-drittijiet tal-attur – iseħħ mhux bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija (meta l-attur kien għadu mhux "akkużat") iżda bil-fatt li jsir użu minn dik l-istqarrija waqt il-proċess kriminali, meta allura l-attur ikun "akkużat"[2].

16. Għalhekk ma jistax jingħad illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum it-teħid tal-istqarrijiet ma huwiex ta' relevanza għall-proċess kriminali li ċertament jintlaqat bl-art. 39.

17. L-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali, għalhekk, ma jistax jintlaqa'.

[2] Ara *e.g.* Malcolm Said *v.* Avukat Ġenerali *et*, Kost. 24 ta' Ġunju 2016.

18. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali li jolqot l-intempestività tal-azzjoni. Ifisser dan it-tieni aggravju tiegħu hekk:

> »... l-azzjoni tal-appellat hija waħda prematura u intempestiva.
>
> »Illi l-ewwel qorti osservat li abbażi tal-kawża <u>Malcolm Said</u> il-kawża ta' <u>Borg *v.* Malta</u> u l-fatt li fil-każ odjern diġà hemm sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (għalkemm il-kawża tinstab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali) waslet għall-konklużjoni li l-kawża odjerna hija differenti mill-kawża fl-ismijiet <u>Dimech *v.* Malta</u> u ċaħdet l-eċċezzjoni tal-esponenti.
>
> »L-esponenti jissottometti li d-dritt ta' smigħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċedura fl-intier tagħha u mhux fir-rigward ta' mumenti minnha bħal ma qed jipprova jagħmel l-appellat f'dawn il-proċeduri fejn qed jiffoka fuq l-istadju tal-interrogazzjoni. Dan il-prinċipju kien stabbilit fil-każ fl-ismijiet <u>Imbroscia *v.* Switzerland</u> (applikazzjoni numru 13972/88) deċiż fl-24 ta' Novembru 1993 fejn il-Qorti Ewropea osservat illi:
>
>> »"The manner in which article 6(1) and (3)(c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case".
>
> »Illi dan il-punt kien ġie wkoll stabbilit fil-każ fl-ismijiet <u>Ahmet Mete *v.* Turkey</u> (applikazzjoni numru 77649/01) deċiż mill-Qorti Ewropea fil-25 ta' April 2006 fejn ġie osservat illi:
>
>> »"The Court observes that according to the interrogation minutes and the form which were signed by the applicant, he was reminded of his right to have legal assistance during his questioning by the police (paragraphs 8 and 10). Furthermore, it was noted in the prison records that the applicant did not request legal assistance (paragraph 9). However, even assuming that the authorities refused to assign him a lawyer, despite his explicit request, the Court is of the opinion that the lack of legal assistance at the early stage of the proceedings did not deprive the applicant of a fair hearing. In reaching this conclusion, the Court has taken into account the entirety of the proceedings, in particular the fact that the applicant had a lawyer throughout the proceedings before the Izmir State Security Court and the Court of Cassation. Moreover, the Court notes that the Izmir State Security Court based its final decision, not only on his statements given in police custody but also on his statements given during the hearings, his confessions made before the public prosecutor and the statements of the other accused (see, mutatis mutandis, Mamac and Others v. Turkey, nos. 29486/95, 29487/95 and 29853/96, 48, 20 April 2004, Sarikaya v. Turkey, no. 36115/97, 67, 22 April 2004».
>
> »Illi fil-kuntest ta' Malta, il-Qorti Ewropeja kellha l-opportunita' li tippronunzja ruħha fil-kawża fl-ismijiet <u>Dimech *v.* Malta</u> (applikazzjoni numru 34373/13) deċiża fit-2 ta' April 2015 fejn ġie osservat il-paragrafu 48 tas-sentenza li:

> »"48. The Court finds no reason to deem otherwise in this case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35(1) and (4) of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies.»

»Illi ġialadarba l-proċeduri kriminali għadhom pendenti in konfront tal-appellat, l-ewwel qorti kienet żbaljata meta sabet leżjoni u dan peress li l-Qorti Ewropeja stess f'kawża fejn kien qed jiġi allegat li t-teħid tal-istqarrija kien vjolattiv minħabba n-nuqqas ta' assistenza legali waslet għall-konklużjoni li sakemm il-proċeduri kriminali jkunu għadhom pendenti ma tistax tiġi kkunsidrata tali lanjanza dan anke peress li l-akkużat jista' ma jinstabx ħati tar-reat li bih ikun qed jiġi akkużat.

»L-esponenti jissottometti li l-fatti tal-każ li jiċċirkondaw il-każ Dimech *v.* Malta fejn kelna l-istess xenarju legali u fatti identiċi għal dawk odjerni (*cioè* proċeduri kriminali pendenti) u xejn ma xekkel lill-Qorti Ewropeja milli tiċħad l-allegazzjoni ta' ksur abbażi tal-intempestività. Fil-fehma umli tal-esponenti, ġialadarba rriżulta li l-proċeduri kriminali in konfront tal-appellat għadhom pendenti, l-ewwel qorti kellha tosserva u timxi skont dak deċiż f'Dimech *v.* Malta u mhux *cioè* li tiddikjara li l-azzjoni odjerna kienet prematura u intempestiva. Illi l-esponenti jissottometti li l-proċeduri kriminali jintemmu bil-konklużjoni tal-proċeduri tal-appell u mhux qabel u li għalhekk il-prinċipju stabbilit mill-Qorti Ewropeja f'Dimech *v.* Malta japplika għall-fattispecie tal-kawża odjerna.

»Illi l-esponenti huma konsapevoli li aggravju simili għal dan ġie miċħud minn dina l-onorabbli qorti fis-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said *v.* Avukat Ġenerali *et* deċiża fl-24 ta' Ġunju 2016 iżda l-appellant huwa tal-fehma li ċ-ċirkostanzi li jiċċirkondaw il-każ odjern huma identiċi għal kawża ta' Dimech *v.* Malta u li għalhekk l-azzjoni odjerna għandha tiġi dikjarata bħala intempestiva. Illi fis-sentenza fir-referenza kostituzz-jonali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Graziella Muscat) *v.* Philip Borg (referenza kostituzzjonali numru 21/2016 deċiża minn dina l-onorabbli qorti fit-13 ta' Frar 2017) dina l-onorabbli qorti osservat illi

> »"Mill-banda l-oħra f'ċirkostanzi li jaqgħu taħt it-tieni tip ta' sitwazz-joni, *i.e.* fejn il-proċeduri kriminali jkunu ntemmu, skond ir-raġuna-ment tal-Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech, il-qorti trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq ikkontemplat taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Konsegwentement, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq".

F'dik is-sentenza dina l-Onorabbli Qorti għamlet ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet Tyrone Fenech *et v.* Malta deċiża mill-Qorti Ewropeja fil-5 ta' Jannar 2016.«

19. Tassew illi fil-każ tal-lum il-proċeduri kriminali kontra l-attur għadhom għaddejjin quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u għalhekk għadhom ma ntemmux. Għaldaqstant, japplika r-raġunament tal-Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech[3] imsemmi mill-appellant, li jfisser li din il-qorti ma għandhiex issib ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq f'dan l-istadju iżda trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu sabiex tara jekk kienx hemm smigħ xieraq.

20. Dan ir-raġunament ġie wkoll approvat mill-istess qorti fis-sentenza li tat fil-5 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Tyrone Fenech *et v.* Malta fejn osservat illi:

> »In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers that it cannot be excluded that, *inter alia*, the applicants be eventually aquitted or that proceedings be discontinued.
>
> »The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Dimech, … § 48, Kesik *v.* Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons *v.* Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame *v.* Belgium (dec.), no 16147/08, 2 March 2010).
>
> »The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature.
>
> »Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies.«

[3] Martin Dimech *v.* Malta, Q.E.D.B. 2 ta' Lulju 2015.

21. L-argument miġjub mill-Avukat Ġenerali fit-tieni aggravju tiegħu huwa għalhekk loġiku u raġonevoli, u l-qorti taqbel illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.[4]

22. Iżda skont il-Kostituzzjoni din il-Qorti tista tagħti wkoll rimedju meta x'aktarx ikun ser iseħħ ksur.

23. Fid-dawl tal-premess, kif osservat din il-qorti fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said *v.* Avukat Ġenerali, ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni taż-żewġ stqarrijiiet mogħtija mill-attur lill-pulizija fit-13 ta' Frar 2014 u fl-24 ta' Frar 2014 għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrijiet tiegħu l-attur ammetta l-ħtija, tant hu hekk illi l-Qorti tal-Maġistrati espressament straħet fuqhom biex sabet lill-attur ħati. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrijiet fil-proċess kriminali.

24. F'ċirkostanzi normali, għalhekk, il-proċess kriminali kien jitħalla jitkompla sas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex, jekk l-attur, ukoll wara dik is-sentenza, ikompli jilmenta minn ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, il-proċess kollu jkun jista' jitqies fl-intier tiegħu sabiex ikun stabilt kienx hemm dak il-ksur.

25. Għandu jingħad ukoll iżda illi, kif osservat il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza li sabet lill-attur ħati, fil-każ kontra l-attur "ma nġabet l-ebda

---

4 Ara wkoll, Trevor Bonniċi *v.* L-Avukat Ġenerali, Kost., 18 ta' Lulju 2017; Il-Pulizija (Spettur Graziella Muscat) *v.* Philip Borg, Kost., 13 ta' Diċembru 2017.

prova oħra da parti tal-prosekuzzjoni apparti l-istaqrrijiet rilaxxjati mill-imputat”. Dan ikun ifisser illi l-prosekuzzjoni, li wara kollox imxiet fuq il-liġi kif kienet dak iż-żmien meta straħet fuq l-istqarrijiet li issa sejrin jinħarġu mill-inkartament, tkun imċaħħda minn kull mezz li tagħmel il-prova tal-każ tagħha, bi ksur tal-prinċipju tal-*equality of arms*. Dan ma għandux ikun għax wara kollox ma huwiex l-akkużat biss li għandu drittijiet fil-proċess kriminali u għandu jitħares ukoll l-interess tal-komunità.

26. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ikun aktar xieraq illi, flok illi l-proċess kriminali jitkompla bil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati titħassar u l-proċess jinbeda mill-ġdid b’dan li ma jsir ebda użu mill-istqarrijiet tal-attur. Hekk il-partijiet jerġgħu jitqiegħdu fl-istess sitwazzjoni li kienu fiha qabel ittieħdu l-istqarrijiet, u ebda parti ma ġġarrab preġudizzju.

27. Għaldaqstant, it-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali qiegħed jintlaqa’ fis-sens illi l-qorti tgħid illi għadu ma seħħx ksur tal-jedd tal-attur għal smigħ xieraq iżda, sabiex ma jseħħx dak il-ksur, il-proċess kriminali għandu jinbeda mill-ġdid u ma għandu jsir ebda użu mill-istqarrijiet tal-attur fil-proċess kriminali li għandu jinbeda mill-ġdid wara li titħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

28. Ladarba waslet għal din il-konklużjoni, ma jibqax meħtieġ li l-qorti tqis l-aggravji l-oħra tal-appell.

29. Għal dawn ir-raġunijiet, sabiex ma tħallix li l-jedd tal-attur għal smigħ xieraq x’aktarx jinkiser, il-qorti sejra tipprovdi billi tħassar is-sentenza

tal-Qorti tal-Maġistrati u, konsegwentement, tordna t-twaqqif tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, tordna illi l-istqarrijiet jitneħħew mill-inkartament u li ma jsir ebda użu minnhom, u illi l-proċess jinbeda mill-ġdid quddiem il-Qorti tal-Maġistrati presjeduta minn maġistrat ieħor. Billi, f'dan l-istadju, għadu ma nkisirx il-jedd tal-attur, dawn il-provvedimenti jkunu biżżejjed u ma huwiex il-każ li l-attur jingħata rimedju ulterjuri fil-forma ta' kumpens monetarju.

30. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi:

   i. tikkonfermaha fejn ma sabet l-ebda ksur tal-art. 34 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 5 tal-Konvenzjoni;

   ii. tikkonfermaha fejn sabet illi l-art. 39 tal-Kostituzzjoni japplika fil-każ tallum;

   iii. tħassarha fejn sabet ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 6 tal-Konvenzjoni;

   iv. tgħid, minflok, illi x'aktarx illi l-jedd tas-smigħ xieraq taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni jinkiser jekk isir użu mill-istqarrijiet tal-attur fil-proċess kriminali;

   v. għalhekk tikkonferma – għalkemm għal raġunijiet differenti – is-sentenza appellata fejn din ordnat:

      »(a) it-tħassir tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-17 ta' Frar 2014 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) *v.* Dominic Camilleri;

      »(b) illi ż-żewġ stqarrijiet mogħtija mill-attur lill-pulizija fit-13 ta' Frar 2004 u fl-24 ta' Frar 2004 ma jistgħux jintużaw bħala prova fi

proċediment kriminali kontra tiegħu u ordnat it-tneħħija tagħhom mill-atti tal-proċediment kriminali pendenti kontra l-attur;

»(c) illi tieqaf il-kawża fl-ismijiet <u>Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) *v.* Dominic Camilleri</u> li tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali; u

»(d) illi l-atti tal-proċediment kriminali fl-ismijiet <u>Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) *v.* Dominic Camilleri</u> jintbagħtu lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex jassenja l-kawża lil ġudikant ieħor sedenti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-proċediment penali kontra l-attur jibda mill-ġdid; u

vi. tħassar is-sentenza appellata fejn din ikkundannat lill-Avukat Ġenerali jħallas lill-attur kumpens ta' elf euro (€1,000).

31. Tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tiddaħħal fl-atti tal-proċess kriminali.

32. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Silvio Camilleri
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
mb/rm/df